Nru./No. 21,460
Prezz/Price
€10.80

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2025
Friday, 27th June, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8517 - 8555
Government Notices ..... *8517 - 8555*

Avviżi tal-Pulizija ..... 8555 - 8563
Police Notices ..... *8555 - 8563*

Avviżi lill-Baħħara ..... 8563 - 8566
Notices to Mariners ..... *8563 - 8566*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 8566 - 8694
Employment Opportunities ..... *8566 - 8694*

Avviżi tal-Gvern ..... 8694 - 8717
Notices ..... *8694 - 8717*

Offerti ..... 8717 - 8723
Tenders ..... *8717 - 8723*

Avviżi tal-Qorti ..... 8723 - 8752
Court Notices ..... *8723 - 8752*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 976

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XVI tal-2025 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.

Is-27 ta' Ġunju, 2025

Nru. 977

ĦATRA TA' AĠENT UFFIĊJAL MEDIKU EWLIENI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dott. Anthony Gatt	Aġent Uffiċjal Mediku Ewlieni *Acting Chief Medical Officer*	Saħħa *Health*	27.6.2025 - 2.7.2025 iż-żewġ ġranet inklużi *both days included*

Is-27 ta' Ġunju, 2025

Nru. 978

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Ħatra ta' Kuraturi Uffiċjali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar lil dawn li jidhru hawn taħt fuq il-lista tal-Kuraturi Uffiċjali, a tenur tal-Artikolu 89 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju, 2025 sal-31 ta' Diċembru, 2026.

AVUKATI (MALTA)
L-Av. Attard Muscat Rebecca-Marie
L-Av. Dalli Francois
L-Av. Galea Noray Cyianè

Illum 26 ta' Ġunju 2025

LAM 7/2017

GOVERNMENT NOTICES

No. 976

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XVI of 2025 entitled the Constitution of Malta (Amendment) Act, 2025.

27th June, 2025

No. 977

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF MEDICAL OFFICER

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health and Active Ageing has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dott. Anthony Gatt	Aġent Uffiċjal Mediku Ewlieni *Acting Chief Medical Officer*	Saħħa *Health*	27.6.2025 - 2.7.2025 iż-żewġ ġranet inklużi *both days included*

27th June, 2025

No. 978

CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Appointment of Official Curators

IT is notified for general information that the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector appointed the following on the list of Official Curators, in terms of Article 89 (1) of Chapter 12 of the Laws of Malta, for the period from 1st July, 2025 up to 31st December, 2026.

LAWYERS (MALTA)
Dr Attard Muscat Rebecca-Marie
Dr Dalli Francois
Dr Galea Noray Cyianè

Today 26th June, 2025

Nru. 979

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Ħatra ta' Avukati u Prokuraturi Legali għall-Għajnuna Legali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, a tenur tal-Artikolu 89 u 911(6) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar lil dawn li jidhru hawn taħt bħala Avukati għall-Għajnuna Legali fuq il-panels imsemmija hawn taħt, għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2025 u l-31 ta' Diċembru, 2026, iż-żewġ dati inklużi.

PANEL QORTI KRIMINALI (MALTA)
L-Av. Dalli Francois
L-Av. Galea Noray Cyianè

PANEL RAPPREŻENTANZA FIL-QORTI LILL-VITTMI TAL-KRIMINALITÀ (MALTA)
L-Av. Attard Muscat Rebecca-Marie

Illum 25 ta' Ġunju, 2025
LAM68/2023

No. 979

CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Appointment of Legal Aid Lawyers and Procurators

IT is notified for general information that, in terms of Article 89 and 911(6) of Chapter 12 of the Laws of Malta, the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector appointed the following Legal Aid Lawyers on the panels hereunder mentioned, for the period between 1st July, 2025 and 31st December, 2026, both dates included.

PANEL CRIMINAL COURTS (MALTA)
Dr Dalli Francois
Dr Galea Noray Cyianè

PANEL FOR COURT REPRESENTATION TO VICTIMS OF CRIME (MALTA)
Dr Attard Muscat Rebecca-Marie

Today 25th June, 2025

Nru. 980

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Av. Ilona Schembri, LLD, se tirreżenja mill-kariga bħala Kuratur Uffiċjali u Avukat għall-Għajnuna Legali (Malta) b'seħħ mill-1 ta' Lulju, 2025.

Is-26 ta' Ġunju, 2025
LAM 74/2023

No. 980

CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

IT is notified or general information that Dr. Ilona Schembri, LLD, shall be resigning from Official Curator and Advocate for Legal Aid (Malta) with effect from 1st July, 2025.

26th June, 2025

Nru. 981

SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mis-16 ta' Ġunju, 2025.

Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Ta' Sannat	Jeanette Grima

Is-27 ta' Ġunju, 2025

No. 981

LOCAL COUNCIL EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Local Council with effect from the 16th June, 2025.

Local Council	*Executive Secretary*
Ta' Sannat	Jeanette Grima

27th June, 2025

Nru. 982

SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-1 ta' Lulju, 2025.

Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
San Ġiljan	Cher Carmen Fenech

Is-27 ta' Ġunju, 2025

No. 982

LOCAL COUNCIL EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Local Council with effect from the 1st July, 2025.

Local Council	*Executive Secretary*
Saint Julian's	Cher Carmen Fenech

27th June, 2025

Nru. 983

SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-1 ta' Lulju, 2025.

Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Il-Marsa	Roderick Ebejer

Is-27 ta' Ġunju, 2025

No. 983

LOCAL COUNCIL EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Local Council with effect from the 1st July, 2025.

Local Council	*Executive Secretary*
Marsa	Roderick Ebejer

27th June, 2025

Nru. 984

SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-1 ta' Lulju, 2025.

Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Il-Mosta	Jeremy Bartolo

Is-27 ta' Ġunju, 2025

No. 984

LOCAL COUNCIL EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Local Council with effect from the 1st July, 2025.

Local Council	*Executive Secretary*
Mosta	Jeremy Bartolo

27th June, 2025

Nru. 985

KONSLU ONORARJU TAL-KOSTA TAL-AVORJU F'MALTA

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern tar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju ħatar lis-Sur

No. 985

HONORARY CONSUL OF CÔTE D'IVOIRE IN MALTA

IT is hereby notified for general information that the Government of the Republic of Côte d'Ivoire has appointed

Anthony Coleiro bħala Konslu Onorarju tal-Kosta tal-Avorju f'Malta.

L-indirizz tal-Konsolat Onorarju huwa li gej:
4/2, Uniplural Business Hub
Triq Sciortino, Ħaż-Żebbuġ ZBG 1965
Numru tal-mobile: +356 9933 3088
Indirizz elettroniku: (acoleiro@diplomaticnetwork.org)

Is-27 ta' Ġunju, 2025

Mr Anthony Coleiro as Honorary Consul of Côte d'Ivoire in Malta.

The Honorary Consulate is situated at:
4/2, Uniplural Business Hub
Triq Sciortino, Ħaż-Żebbuġ ZBG 1965
Mobile number: +356 9933 3088
Email: (acoleiro@diplomaticnetwork.org)

27th June, 2025

Nru. 986

KONSLU ONORARJU TAS-SLOVAKKJA F'MALTA

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern tar-Repubblika Slovakka ħatar lis-Sur Jean-Claude Cardona bħala Konslu Onorarju tas-Slovakkja f'Malta.

L-indirizz tal-Konsolat Onorarju huwa li gej:

The Penthouse
Tower Business Center
Tower Street, Is-Swatar BKR 4013
Numru tal-Mobile: +356 2555 2557
Indirizz elettroniku: (jean-claude.cardona@csbgroup.com)

Is-27 ta' Ġunju, 2025

No. 986

HONORARY CONSUL OF SLOVAKIA IN MALTA

IT is hereby notified for general information that the Government of the Slovak Republic has appointed Mr Jean-Claude Cardona as Honorary Consul of Slovakia in Malta.

The Honorary Consulate is situated at:

The Penthouse
Tower Business Center
Tower Street, Swatar BKR 4013
Mobile number: +356 2555 2557
Email: (jean-claude.cardona@csbgroup.com)

27th June, 2025

Nru. 987

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (Kap. 406)

Avviż skont l-Artikoli 58 u 73

SKONT id-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 58(3) u l-artikolu 73(2) tal-Att tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana qiegħed hawnhekk jinnotifika lill-persuna/i mniżżla hawn taħt li ħareġ avviż fir-rigward tagħhom għal ħlas ta' taxxa, penali u interessi skont l-Arikolu 59 tal-Kap. 406.

Numru tal-VAT	*Tax Payer*
2590-6330	MSCS Limited
1729-6705	Z & J Catering Company Ltd
1729-6705	Martin Zerafa
1729-6705	M.P.D.S. Ltd
2150-7635	Unica Limited
2150-7635	Simone Tassi

No. 987

VALUE ADDED TAX (Cap. 406)

Notice in terms of Articles 58 and 73

IN terms of the proviso to Article 58(3) and Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Tax and Customs is hereby notifying the person/s listed hereunder that a demand notice for payment of tax, penalties and interest as per Article 59 of Cap. 406 has been issued in their regard.

VAT Number	*Tax Payer*
2590-6330	MSCS Limited
1729-6705	Z & J Catering Company Ltd
1729-6705	Martin Zerafa
1729-6705	M.P.D.S. Ltd
2150-7635	Unica Limited
2150-7635	Simone Tassi

1852-2417	Finchdale (Malta) Ltd
1852-2417	Thomas Patrick Brady
2556-1005	C2K Group Limited
2556-1005	Nicholas Calleja
1025-0334	Mirald Electronics Ltd
1025-0334	Aldo Portelli
1025-0334	Tanya Portelli
1904-6616	CCMMO Ltd
1904-6616	Paolo Odierna
1082-8912	Michael Balzan
2566-9902	Taca Insaat Ve Ticaret A.S
1971-1726	Strong Brothers
1971-1726	Zafer Palabiyik
1971-1726	Serkan Palabiyik
2367-7026	Powerhandling International Co. Ltd
2049-8301	Afro Europe Gold Ltd
2146-1428	Eurprient Malta Ltd
2146-1428	Umberto Pugliese
2172-7026	Interactive Design Solutions Ltd
2172-7026	Julie Taylor

Jekk il-ħlas ma jsirx fi żmien 30 jum mid-data ta' din in-notifika, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana se jipproċedi biex jinforza l-ħlas skont il-liġi.

Kopji tal-imsemmija avviż jistgħu jinġabru mis-Sezzjoni tal-Ġbir, KTD, Blk 5, Il-Furjana.

Is-27 ta' Ġunju, 2025

Nru. 988

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27.6.2025	€92.187	€0.993

Is-27 ta' Ġunju, 2025

1852-2417	Finchdale (Malta) Ltd
1852-2417	Thomas Patrick Brady
2556-1005	C2K Group Limited
2556-1005	Nicholas Calleja
1025-0334	Mirald Electronics Ltd
1025-0334	Aldo Portelli
1025-0334	Tanya Portelli
1904-6616	CCMMO Ltd
1904-6616	Paolo Odierna
1082-8912	Michael Balzan
2566-9902	Taca Insaat Ve Ticaret A.S
1971-1726	Strong Brothers
1971-1726	Zafer Palabiyik
1971-1726	Serkan Palabiyik
2367-7026	Powerhandling International Co. Ltd
2049-8301	Afro Europe Gold Ltd
2146-1428	Eurprient Malta Ltd
2146-1428	Umberto Pugliese
2172-7026	Interactive Design Solutions Ltd
2172-7026	Julie Taylor

Unless payment is effected within 30 days from the date of this notice, the Commissioner for Tax and Customs will proceed to enforce payment in terms of law.

Copies of said notices may be collected from the Collection Section, MTCA, Blk 5, Floriana.

27th June, 2025

No. 988

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27.6.2025	€92.187	€0.993

27th June, 2025

Nru. 989

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Artiklu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent

Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tal-Bejta tal-Fekruna fir-Ramla (Għawdex)

L-AWTORITÀ għall-Ambjent u r-Riżorsi qiegħda b'din toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni fuq is-sit kif deskritt hawn isfel skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent għall-iskop ta' konservazzjoni ta':

Ir-Ramla (Għawdex)

u ż-żona tal-madwar hekk kif indikat fil-mappa tas-sit taħt Skeda I (ara l-mappa tas-sit f'paġna 8526), aktar 'il quddiem imsejħa "Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni", minħabba li dan is-sit huwa ta' importanza ekoloġika u xjentifika u hemm bżonn ta' konservazzjoni.

Ir-regolamenti li ġejjin għandhom japplikaw:

1. Għall-fini tal-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni, il-kliem "Awtorità"; "konservazzjoni"; u "persuna" għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent.

2. Iż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tista' tkun sorveljata kontinwament inter alia permezz ta' site post temporanju.

3. Ebda persuna m'għandha, fiż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni, sakemm mhux bl-awtorizzazzjoni tal-Awtorità:

a) bi kwalunkwe mod, tieħu jew tipprova tieħu, tiddisturba, tikkawża ħsara jew teqred xi bajd, frieħ jew adulti tal-fkieren tal-baħar, kemm ħajjin jew mejtin;

b) tidħol jew tipprova tidħol, jew b'xi mod tassisti persuna oħra biex tidħol fiż-żona magħluqa mill-Awtorità;

c) tneħħi, taqla', tiskonnetta jew tiftaħ kwalunkwe parti minn xi oġġett, apparat jew tagħmir użat mill-Awtorità sabiex tiġi magħluqa żona, jew kwalunkwe installazzjoni anċillari jew sinjali uffiċjali installati mill-Awtorità;

d) iddendel, twaħħal jew tehmeż jew tipprova ddendel, twaħħal, jew tehmeż xi oġġett fuq l-apparat u tagħmir użat

No. 989

ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 549)

Article 69 of the Environment Protection Act

Ir-Ramla (Gozo) Turtle Nesting Emergency Conservation Order

THE Environment and Resources Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the site as described below in accordance with Article 69 of the Environment Protection Act, for the purpose of the conservation of:

Ir-Ramla (Gozo)

and its surroundings as per site plan under Schedule I (see site plan on page 8526), hereinafter referred to as "the Emergency Conservation Area", due to the ecological and scientific importance of the site and the need for conservation.

The following regulations shall apply:

1. For the purpose of the Emergency Conservation Order, the terms "Authority"; "conservation"; and "person" shall have the same meaning as that defined in the Environment Protection Act.

2. The Emergency Conservation Area may be monitored continuously inter alia by means of a temporary site post.

3. No person shall, within the Emergency Conservation Area, unless authorised by the Authority:

a) in any way, take or attempt to take, disturb, damage or destroy any eggs, turtle hatchlings or adult marine turtle, whether alive or dead;

b) enter or attempt to enter, or in any way assist any other person to enter the area cordoned-off by the Authority;

c) remove, detach, disconnect or open any portion of, or object making up, the cordoning installed by the Authority or any ancillary installation or any official signage installed by the Authority;

d) hang, affix or append or attempt to hang, affix or append any object on the cordoning installed by the Authority

sabiex tiġi magħluqa ż-żona madwar il-bejta mill-Awtorità jew, bi kwalunkwe mezz ieħor tikkomprometti jew tipprova tikkomprometti l-integrità tat-tagħmir jew apparat użat;

e) tpoġġi jew tipprova tpoġġi kwalunkwe tip ta' oġġett jew materjal ieħor fiż-żona magħluqa mill-Awtorità;

f) tħalli xi annimal tagħha jew li huwa fil-kontroll tagħha jidħol jew jipprova jidħol fiż-żona magħluqa mill-Awtorità jew jagħmel ħsara lill-apparat u tagħmir installat sabiex tiġi magħluqa ż-żona;

g) tnaddaf, jew tneħħi żibel, skart jew kwalunkwe oġġett ieħor miż-żona magħluqa mill-Awtorità;

h) tpoġġi jew tipprova tpoġġi kwalunkwe oġġett li, fi kwalunkwe ħin bejn tlugħ ix-xemx u nżul ix-xemx, jista' jitfa' jew joħloq dell fiż-żona magħluqa mill-Awtorità;

i) tiddepożita kwalunkwe żibel, sakemm mhux fir-reċipjenti taż-żibel jew faċilitajiet oħra pprovduti għal dan il-għan;

j) mis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30 p.m.) ta' kull ġurnata sas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30 a.m.) tal-ġurnata ta' wara, tikkampja jew tipparteċipa fi kwalunkwe attività ta' kkampjar;

k) tipparteċipa fi kawlunkwe attività organizzata li tikkonsisti fi grupp ta' iżjed minn 10 persuni;

l) issuq, timmanuvra jew tipparkja kwalunkwe vettura f'distanza ta' inqas minn għoxrin (20) metru miż-żona magħluqa mill-Awtorità;

m) tħaddem ġeneraturi li jiġġeneraw l-elettriku permezz tal-fjuwil jew apparat mekkaniku iehor li jaħdem bil-fjuwil fuq l-art;

n) tagħmel użu jew tkun fil-pussess ta' kwalunkwe apparat li jarmi mewġ elettromanjetiku jew kwalunkwe tip ta' radjazzjoni li tkun manifatturata biex teżamina taħt il-wiċċ tal-art jew li tgħaddi minn ġol-oġġetti;

o) idoqq mużika b'volum għoli;

p) tkun fil-pussess, tarma, taħraq jew tqabbad kwalunkwe tip ta' materjal pirotekniku, logħob tan-nar jew splussiv ieħor;

q) tinstalla kwalunkwe nassa, xibka, tip ta' konz, sajd bil-qasba jew materjal jew apparat simili li jista' b'xi mod jaqbad jew jagħmel ħsara lill-bajd tal-fkieren, il-frieħ jew adulti tal-fkieren tal-baħar;

around the nest or in any manner compromise or attempt to compromise the integrity of the cordoning;

e) place or attempt to place any object or material into the area cordoned off by the Authority;

f) allow any animal under his ownership or responsibility to enter or attempt to enter the area cordoned-off by the Authority or to otherwise damage the cordoning so installed;

g) remove any litter, waste or article whatsoever from the area cordoned-off by the Authority;

h) place or attempt to place any object that, at any time between sunrise and sunset, may cast a shadow inside the area cordoned-off by the Authority;

i) deposit any litter, unless this is deposited in the litter bins or other litter collection facilities provided for such purpose;

j) from half past six in the evening (6.30 p.m.) of any day until half past seven in the morning (7.30 a.m.) of the following day, camp or participate in any camping activity;

k) participate in any organised activity involving a group of more than 10 persons;

l) drive, manoeuvre or park any vehicle within a distance of 20m from the area cordoned-off by the Authority;

m) utilise fuel powered electricity generators or fuel powered mechanised equipment on land;

n) make use or be in possession of any device capable of emitting electromagnetic waves or any kind of radiation which is purposely manufactured to scan below the surface of the ground or through objects;

o) play loud music;

p) be in possession of, set up, light up or let off any sort of pyrotechnic material, fireworks or explosives;

q) install any trap, net, any type of long-line, rod fishing, or similar material or devices that in any way may catch or harm any turtle egg, turtle hatchling or adult marine turtle;

r) tkala jew ikollha fil-pusses kwalunkwe xibka tal-parit, xkitt jew kull xorta ta' xibka tas-sajd; jew

s) tneħħi kull tip ta' fdalijiet tal-alka magħmula minn *Posidonia oceanica* jew *Cymodocea nodosa* (alka) minn quddiem iż-żona magħluqa mill-Awtorità faċċata tal-baħar għajr bl-idejn jew bl-użu ta' għodda tal-idejn mhux mekkanizzati.

4. Ebda persuna m'għandha fiż-żona fejn japplikaw iktar restrizzjonijiet kif indikat fil-mappa tas-sit fi Skeda I, tipparteċipa fi kwalunkwe attività ta' catering jew barbecues fuq l-art.

5. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, ebda persuna m'għandha, mill-28 ta' Lulju, 2025, mis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30 p.m.) ta' kull ġurnata sas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30 a.m.) tal-ġurnata ta' wara u fiż-żona fejn japplikaw iktar restrizzjonijiet kif indikat fil-mappa tas-sit fi Skeda I:

a) tqiegħed, tiddepożita jew tinstalla kwalunkwe oġġett, jew tipprova tqiegħed, tiddepożita jew tinstalla kwalunkwe oġġett li jista' b'xi mod ifixkel jew ixekkel il-passaġġ jew għandu il-potenzjal li jfixkel jew ixekkel il-passaġġ tal-frieħ tal-fkieren tal-baħar miż-żona magħluqa mill-Awtorità lejn il-baħar;

b) fil-baħar, tpoġġi jew tqiegħed kwalunkwe oġġett jew installazzjoni jew tipprova tpoġġi jew tqiegħed kwalunkwe oġġett jew installazzjoni li jista' raġonevolment b'xi mod ifixkel jew ixxekkel il-passaġġ jew li raġonevolment għandu l-potenzjal li jfixkel jew ixxekkel il-passaġġ tal-frieħ tal-fkieren tal-baħar lejn il-baħar miftuħ;

c) tħaffer ħofor fir-ramel jew b'xi mod tiddiżlivella r-ramel;

d) tagħmel użu minn jew tkun fil-pussess ta' kull xorta ta' apparat li jitfa' dwal għal skopijiet ta' sajd jew għall-qbid ta' fawna:

Iżda dawn id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq għandhom japplikaw ukoll fi kwalunkwe ħin f'każ li l-bajd ifaqqsu barra mill-ħinijiet ristretti.

6. Minkejja kwalunkwe awtorizzazzjoni jew permess maħruġ mill-Awtorità jew kwalunkwe awtorizzazjoni jew permessi maħruġa taħt liġijiet oħrajn, ma jista' jsir l-ebda forma ta' tindif tar-ramel b'mod mekkanizzat jew interventi mekkaniċi fiż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni skont Skeda I, sakemm mhux bil-permess mill-Awtorità.

7. Mit-28 ta' Lulju, 2025 sad-data indikata fil-paragrafu 9, ebda persuna m'għandha fiż-Żona ta' Emerġenza għall-

r) deploy or be in possession of any gill net; trammel net or fishing net of any sort; or

s) remove any *Posidonia oceanica* or *Cymodocea nodosa* wrack (alka) from the seaward side in front of the area cordoned-off by the Authority unless by hand or with the use of hand-held unmechanised tools.

4. No person shall within the area subject to further restrictions as indicated in the site plan in Schedule I, participate in any outdoor catering activity or any barbecues on land.

5. Without prejudice to the above provisions, from the 28th July 2025, from half past six in the evening (6.30 p.m.) of any day until half past seven in the morning (7.30 a.m.) of the following day, no person shall within the area subject to further restrictions as indicated in the site plan in Schedule I:

a) place, deposit or install any object, or attempt to place, install or deposit any object, that in any way may hinder or has the potential to hinder the safe passage of hatchlings from the area cordoned-off by the Authority to the sea;

b) at sea, place or deploy any object or installation or attempt to place or deploy any object or installation, that in any way may reasonably hinder or has the potential to reasonably hinder the safe passage of hatchlings towards the open sea;

c) dig any holes or in any way dislevel sand;

d) utilise or be in possession of any sort of lighting device for fishing purposes or the capturing of any fauna:

Provided that the above provisions shall also apply at any time in the event of a hatching episode occurring outside of such restricted times.

6. Notwithstanding any authorisations or permits already afforded by the Authority or any other permits or authorisations issued under any other law, no form of mechanised beach cleaning activity or mechanical interventions shall occur within the Emergency Conservation Area designated under Schedule I, unless duly permitted by the Authority.

7. From 28th July, 2025 until the date indicated in paragraph 9, no person shall within the Emergency Conservation Area

Konservazzjoni jew fil-viċinanzi taż-Żona ta' Konservazzjoni ta' Emerġenza, mis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30 p.m.) ta' kull ġurnata sas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30 a.m.) tal-ġurnata ta' wara:

a) tiġġenera dawl jekk mhux mgħotti b'tali mod li ma jkunx viżibbli b'mod dirett miż-żona magħluqa mill-Awtorità jew jekk id-dawl mhux mgħotti b'filtru kkulurit aħmar;

b) minn kwalunkwe bastiment tal-baħar, iddawwal il-baħar permezz ta' 'underlights' jew kwalunkwe dawl ieħor intiż biex iddawwal il-kolonna tal-baħar jew parti minnha:

Iżda din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għad-dawl tan-navigazzjoni obbligatorju użat mill-bastimenti.

8. Ebda persuna ma tista' fiż-Żona ta' Konservazzjoni ta' Emerġenza jew fil-viċinanzi taż-Żona ta' Konservazzjoni ta' Emerġenza tiġġenera storbju jew vibrazzjonijiet eċċessivi.

9. Din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni hija valida mid-data tal-pubblikazzjoni sal-27 ta' Awwissu, 2025, u hija mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44) u tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tar-Rettili (L.S. 549.02).

10. (1) Il-Protezzjoni mogħtija liż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għandu jkollha l-istess effett daqs dik mogħtija lis-siti li jidħlu taħt il-kappa tan-Network Ekoloġiku Nazzjonali u Siti Speċjali ta' Konservazzjoni ai termini tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44).

(2) Il-provvedimenti inklużi fl-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni huma:

i) ikkunsidrati bħala miżuri ta' konservazzjoni li jindirizzaw l-objettivi globali ta' konservazzjoni bl-għan li jipproteġu l-fekruna tal-baħar, *Caretta caretta*, u l-bejta tagħha; u

ii) meħtieġa sabiex dan is-sit protett jiġi mħares skont il-provvedimenti tar-regolamenti 14 u 19 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44).

11. Kwalunkwe persuna li taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tkun punibbli skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549).

or in the vicinity of the Emergency Conservation Area, from half past six in the evening (6.30 p.m.) of any day until half past seven in the morning (7.30 a.m.) of the following day:

a) generate any light unless screened in such a way as not to be directly visible from the area cordoned-off by the Authority or such light covered with a red coloured filter;

b) from any marine vessel, illuminate the sea beneath by means of 'underlights' or any other light intended to illuminate the sea column or parts of it:

Provided that this provision shall not apply to strictly compulsory navigational lights of seagoing vessels.

8. No person shall within the Emergency Conservation Area or in the vicinity of the Emergency Conservation Area generate any excessive noise or vibrations.

9. This Emergency Conservation Order shall be valid from the date of issue up to the 27th August, 2025, and shall be without prejudice to the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L. 549.44) and the Reptile (Protection) Regulations (S.L. 549.02).


10. (1) The protection allocated to the Emergency Conservation Area has the same effect as the inclusion of the area in the National Ecological Network and Special Areas of Conservation in terms of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L. 549.44).

(2) The provisions included in this Emergency Conservation Order are:

i) considered as conservation measures addressing the overall conservation objective aimed at protecting the loggerhead turtle, *Caretta caretta*, in its nesting site; and

ii) required for such protected site in line with the requirements of regulations 14 and 19 of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L. 549.44).

11. Any person who acts in contravention of any provision of this Emergency Conservation Order shall be punishable in accordance with the Environment Protection Act (Cap. 549).


Emergency Conservation Order - Ir-Ramla (Gozo) and its Surroundings
N
0
200
Metres
ERA
Environment & Resources Authority
Hexagon House, Spencer Hill, Marsa, MRS 1441, Malta
T | +356 2292 3500 W | era.org.mt
Key
Area covered by the Emergency Conservation Order
Area subject to the further restricted activities
Bounding Co-ordinates of Map (UTM / Metres):
Min E 434,973; N 3,991,779
Max E 435,967; N 3,990,909
Published by the Environment & Resources Authority ©
SintegraM Basemap, 2018, Developing Spatial Data Integration for the Maltese Islands. Planning Authority

Nru. 990

MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT

Regolamenti tal-2022 dwar Miżuri ta' Aċċessibbiltà (Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà)

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Fl-2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva"), magħrufa b'mod aktar komuni bħala l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà.

2. Sommarju u sfond

Din id-Direttiva qiegħda tiġi trasposta fil-liġi Maltija, bis-saħħa ta' leġislazzjoni sussidjarja orizzontali, li tirrifletti n-natura orizzontali tad-Direttiva.

It-traspożizzjoni qiegħda issir bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 tal-Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (Kap. 627), lill-Ministru responsabbli għad-diżabilità u l-iżvilupp ta' dan is-settur. Dan qed isir b'rabta mal-obbligu li jiġu ppromulgati miżuri xierqa li jinsabu fl-Artikolu 9 tat-Tieni Skeda tiegħu.

Il-leġislazzjoni sussidjarja in kwistjoni tħejjiet wara konsultazzjoni mal-ministeri u l-entitajiet rilevanti responsabbli għas-setturi differenti koperti mid-Direttiva.

Is-sensibilizzazzjoni għall-komunità tan-negozju bdiet qabel l-iskadenza tat-terminu tal-implimentazzjoni, mid-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (DDI) fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat (MIV), u l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-CRPD").

Is-CRPD inħatret bħala l-awtorità għas-sorveljanza tas-suq skont id-Direttiva, għall-prodotti, is-servizzi u l-ambjent mibni fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, permezz tal-artikolu 22(1)(v) tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità (Kap. 413).

Dan ir-rwol se jitwettaq aħjar permezz ta' Memorandum ta' Qbil konkluż mal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), fir-rigward ta' aspetti tekniċi tad-Direttiva bħat-tikketta CE u l-irtirar ta' prodotti mis-suq, u ma' entitajiet oħra speċifiċi għas-setturi partikolari, fir-rigward tal-għarfien espert meħtieġ dwar l-aċċessibbiltà f'dawk is-setturi, bħall-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA).

3. Struttura tal-istrument u kummentarju rilevanti

Taqsima I tkopri l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tar-regolamenti, kif ukoll it-tifsiriet rilevanti, u l-Kamp ta' Applikazzjoni tagħhom.

Ir-regolament 1 jispeċifika li r-regolamenti jittrasponu d-Direttiva fil-liġi Maltija, filwaqt li jistabbilixxu skadenzi għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet differenti tar-regolamenti. Filwaqt li r-regolamenti, f'konformità mad-Direttiva, jidħlu

[1]Din in-Nota ta' Spjegazzjoni hija skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2025, qegħdin jiġu stabbiliti skadenzi fil-bogħod għal ċerti prodotti jew servizzi speċifiċi, bħal terminals self-service.

L-estensjonijiet massimi fir-rigward ta' kull wieħed minn dawn il-prodotti jew servizz ġew applikati meta ġiet trasposta din id-Direttiva fil-liġi Maltija.

B'mod aktar speċifiku:

- In-numru tas-servizzi ta' emerġenza 112 irid jikkonforma mar-rekwiżiti tar-regolamenti sat-28 ta' Ġunju 2027;
- Il-forniturі ta' servizzi li kienu qegħdin jużaw legalment prodotti mhux konformi koperti mir-regolamenti, qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom, biex jipprovdu servizzi koperti mir-regolamenti, għandhom sat-28 ta' Ġunju 2030 biex jiżguraw li jibdew jużaw prodotti konformi mar-regolamenti;
- Il-kuntratti ta' servizz li mhumiex konformi mar-regolamenti, iżda li ġew miftiehma qabel it-28 ta' Ġunju 2025, jistgħu jkomplu fis-seħħ mingħajr tibdil, sat-28 ta' Ġunju 2030;
- Il-forniturі tas-servizzi li kienu qed jużaw legalment terminals self-service mhux konformi, biex jipprovdu servizzi koperti mir-regolamenti, qabel it-28 ta' Ġunju 2025, jistgħu jkomplu jużaw tali terminals self-service biex jipprovdu tali servizzi, sa tmiem il-ħajja ekonomikament utli ta' dawn it-terminals, jew sat-28 ta' Ġunju 2045, skont liema data tkun l-ewwel.

Ir-regolament 2 jelenka t-tifsiriet rilevanti użati fir-regolamenti, allinjati mal-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti li tittrasponi atti oħra tal-Unjoni msemmija fid-Direttiva.

Ir-regolament 3 jsemmi l-prodotti u s-servizzi koperti mir-regolamenti, wara d-dħul fis-seħħ tagħhom, kif ukoll esklużjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' prodotti u servizzi:

Prodotti

(a) sistemi ta' hardware tal-kompjuter bi skop ġenerali għall-konsumatur u sistemi operattivi għal dawk is-sistemi ta' hardware;

(b) it-terminals self-service li ġejjin:

(i) terminals ta' pagament;

(ii) it-terminals self-service li ġejjin iddedikati għall-forniment ta' servizzi koperti minn dawn ir-regolamenti:

(-) magni tal-flus awtomatiċi;

(-) magni tal-biljetti;

(-) magni taċ-check-in;

(-) terminals self-service interattivi li jipprovdu informazzjoni, esklużi terminals installati bħala partijiet integrati ta' vetturi, inġenji tal-ajru, vapuri jew vetturi ferrovjarji;

(ċ) tagħmir tat-terminals għall-konsumatur b'kapaċità informatika interattiva, użati għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (fil-kuntest tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi);

(d) tagħmir tat-terminals għall-konsumatur b'kapaċità informatika interattiva, użat għall-aċċess ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (fil-kuntest tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva); u

(e) qarrejja elettroniċi.

Servizzi

(a) servizzi ta' komunikazzjoni elettronika (fis-sens tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi) bl-eċċezzjoni ta' servizzi ta' trasmissjoni użati għall-għoti ta' servizzi minn magna għal oħra;

(b) servizzi li jipprovdu aċċess għal servizzi tal-media awdjoviżiva (fis-sens tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva);

(c) l-elementi li ġejjin tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru, bix-xarabank, bil-ferrovija u fuq l-ilma, ħlief għas-servizzi tat-trasport urban, suburban u reġjonali (li fil-kuntest Malti tfisser applikabbiltà biss għas-servizzi bl-ajru u s-servizzi fuq l-ilma domestiċi bejn il-gżejjer/ internazzjonali) li għalihom japplikaw biss l-elementi taħt is-subparagrafu (v):

(i) siti web;

(ii) servizzi bbażati fuq tagħmir mobbli inkluż applikazzjonijiet mobbli;

(iii) biljetti elettroniċi u servizzi elettroniċi tal- ħruġ talbiljetti;

(iv) il-forniment ta' informazzjoni dwar is-servizz tat-trasport, inkluż informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali; dan għandu, fir-rigward tal-iskrins tal-informazzjoni, ikun limitat għal skrins interattivi li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni; u

(v) terminals interattivi self-service li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni, ħlief dawk installati bħala partijiet integrati ta' vetturi, inġenji tal-ajru, vapuri u vetturi ferrovjarji użati fil-forniment ta' kwalunkwe parti ta' tali servizzi tat-trasport tal-passiġġieri;

(d) servizzi bankarji għall-konsumatur;

(e) kotba elettroniċi u software dedikat; u

(f) servizzi tal-kummerċ elettroniku.

Servizzi ta' Emerġenza

It-tweġib ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza lejn in-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112", bl-użu ta' taħlita ta' test, vuċi u vidjo.

Eċċezzjonijiet

1. Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għall-kontenut li ġej ta' siti web u applikazzjonijiet mobbli:

(a) media temporali rrekordjata minn qabel ippubblikata qabel it-28 ta' Ġunju 2025;

(b) formati ta' fajls burokratiċi ppubblikati qabel it-28 ta' Ġunju 2025;

(c) servizzi ta' mapep u mmappjar online, jekk l-informazzjoni essenzjali tiġi pprovduta b'mod diġitali aċċessibbli għal mapep maħsuba għall-użu tan-navigazzjoni;

(d) kontenut ta' parti terza li la huwa ffinanzjat, żviluppat minn, jew taħt il-kontroll tal-operatur ekonomiku kkonċernat;

(e) kontenut ta' siti web u applikazzjonijiet mobbli li jikkwalifikaw bħala arkivji, li jfisser li fihom biss kontenut li ma jiġix aġġornat jew editjat wara t-28 ta' Ġunju 2025.

2. Ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-UE li timplimenta t-Trattat ta' Marrakexx, u jiġifieri r-Regolament (UE) 2017/1563, u l-Ordni dwar l-Użu Permess ta' Ċerti Xogħlijiet u Materjal Ieħor Protett bid-Drittijiet tal-Awtur u Drittijiet Relatati għall-Ġid tal-Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'Xi Mod Ieħor Għandhom Diffikultà Biex Jaqraw Materjal Stampat (L.S. 460.36) fil-kuntest ta' Malta.

Taqsima II tkopri r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti, is-servizzi u l-ambjent mibni relatat fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamenti, kif ukoll kunsiderazzjonijiet dwar moviment liberu.

Ir-regolament 4 jistabbilixxi rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fir-rigward ta' prodotti u servizzi msemmija f'Taqsima III, kif ukoll tal-ambjent mibni marbut mal-forniment ta' tali servizzi, b'referenza għal speċifikazzjonijiet dettaljati u eżempji indikattivi mhux eżawrjenti li jinsabu fl-Annessi għar-regolamenti.

Ir-regolamenti jipprovdu eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għall-mikrointrapriżi li jipprovdu servizzi. Fl-istess ħin, ir-regolamenti jpoġġu obbligu fuq is-CRPD, bħala l-awtorità nazzjonali għas-sorveljanza tas-suq, biex tiżviluppa linjigwida u għodod għall-mikrointrapriżi, biex tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti.

Ir-relazzjoni ma' atti oħra tal-Unjoni li jkopru s-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, qed tiġi indirizzata bir-**regolament 5**, fejn is-servizzi li jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar l-għoti ta' informazzjoni aċċessibbli u tal-informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà stabbiliti fil-liġi eżistenti tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, għandhom jitqiesu konformi mar-regolamenti, ħlief fejn ir-regolamenti jesiġu rekwiżiti addizzjonali.

Barra minn hekk, il-moviment liberu ta' prodotti u servizzi fis-suq tal-Unjoni m'għandux jiġi mfixkel għal raġunijiet relatati mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà, f'termini tar-**regolament 6**.

Taqsima III tkopri l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi fir-rigward ta' prodotti.

Ir-regolament 7 jittratta l-obbligi tal-manifatturi li jqiegħdu prodotti fis-suq tal-Unjoni. Dawn huma r-responsabbiltà tal-operaturi ekonomiċi li jiżguraw il-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tar-regolamenti, u jiżguraw li jitħaddmu proċessi rilevanti f'dan ir-rigward, u l-obbligu li jfasslu u jżommu d-dokumentazzjoni teknika rilevanti fir-rigward tal-proċedura ta' awtovalutazzjoni preskritta, inkluża t-tħejjija ta' Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-UE, it-twaħħil tat-tikketta CE, u r-rispettar ta' rekwiżiti oħra preskritti ta' tikkettar, bħal fil-każ ta' numri tal-lottijiet u tas-serje.

L-obbligu tal-operaturi ekonomiċi li jipprovdu din l-informazzjoni lis-CRPD fuq talba, u li jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa f'każ ta' nuqqas ta' konformità, kif ukoll biex iżommu reġistru li jiddokumenta n-nuqqas ta' konformità tal-prodotti, huma koperti wkoll. Barra minn hekk, ir-regolament jittratta r-responsabbiltà tal-operatur ekonomiku li jipprovdi informazzjoni lill-awtorità nazzjonali kompetenti oħra fi ħdan l-UE, wara talba motivata minn tali, u li jieħu miżuri rilevanti f'dan ir-rigward biex itemm in-nuqqas ta' konformità.

Ir-regolament 8 jkopri r-rappreżentanti awtorizzati, li jinħatru abbażi ta' mandat bil-miktub mogħti minn manifattur skont dawn ir-regolamenti, b'tali mandat ma jkunx jista' jinkludi responsabbiltà fuq ir-rappreżentant awtorizzat biex iħejji dokumentazzjoni teknika, bħal Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-UE.

Madankollu, tali mandati għandhom jinkludu, tal-inqas, obbligi dwar iż-żamma tad-dokumentazzjoni teknika riċevuta mill-manifattur u t-tqegħid ta' tali dokumentazzjoni għad-dispożizzjoni tas-CRPD u ta' awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra għal perjodu ta' ħames snin, l-għoti ta' informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti wara talbiet motivati, u kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità.

Ir-regolament 9 jkopri l-importaturi, u l-obbligu tagħhom li jwettqu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità deskritta fl-Anness IV għar-regolamenti, qabel l-importazzjoni tal-prodott rilevanti. Hemm ukoll responsabbiltà fuq l-importaturi li jiżguraw li l-manifattur ikun issodisfa l-obbligi rilevanti skont ir-regolamenti, fir-rigward tal-elementi rilevanti relatati mat-tikketta CE, id-dokumentazzjoni teknika, u t-tikkettar tal-prodotti.

L-importaturi mhumiex awtorizzati jqiegħdu prodott fis-suq qabel ma jinġieb f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tar-regolamenti. L-importaturi għandhom ukoll ir-responsabbiltà li jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-ħżin jew tat-trasport tal-prodotti ma jipperikolawx l-aċċessibbiltà ta' tali prodotti.

L-obbligu li tinżamm u ssir disponibbli d-dokumentazzjoni rilevanti għas-CRPD, u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra, bħad-Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-UE ta' prodott, u dokumentazzjoni teknika oħra, huwa kopert ukoll minn dan ir-regolament, kif inhu wkoll l-obbligu tal-importatur li jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa, jew inkella jirtira l-prodott mis-suq, f'każ li l-prodott ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tar-regolamenti. Ir-responsabbiltà ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex tintwera l-konformità, jew fit-teħid tal-miżuri meħtieġa biex tiġi indirizzata n-nuqqas ta' konformità, huma koperti wkoll.

Ir-regolament 10 jkopri lid-distributuri, u l-obbligu tagħhom li jwettqu proċeduri ta' verifika fir-rigward tat-tikkettar u dokumentazzjoni rilevanti għall-prodotti. Barra minn hekk, dan ir-regolament jispeċifika li distributur ma għandux iqiegħed prodott fis-suq sakemm tali prodott ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fir-regolamenti, jew inkella d-distributur ikun obbligat li jieħu l-miżuri meħtieġa f'każ ta' nuqqas ta' konformità tal-prodotti.

Id-distributuri għandhom ukoll ir-responsabbiltà li jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-ħżin jew tat-trasport tal-prodotti ma jipperikolawx l-aċċessibbiltà ta' tali prodotti, u l-obbligu ta' kooperazzjoni kif meħtieġa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Barra minn hekk, ir-**regolament 11** jittratta ċ-ċirkostanzi li fihom l-obbligi tal-manifatturi taħt ir-regolamenti jkunu japplikaw ukoll għall-importaturi u d-distributuri, jiġifieri fejn importatur jew distributur iqiegħed prodott fis-suq f'ismu jew bit-trademark tiegħu, jew jimmodifika prodott li diġà tqiegħed fis-suq b'tali mod li l-konformità mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti tista' tiġi affettwata.

L-obbligi tal-operaturi ekonomiċi kollha sabiex jidentifikaw operaturi ekonomiċi oħra li kienu fornewhom, jew li lilhom kienu fornew prodotti, huma indirizzati fir-**regolament 12**, b'dan ir-regolament jispeċifika li dawn l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw informazzjoni għal perjodu ta' ħames snin wara li jkunu ġew fornuti bil-prodott, u għal perjodu ta' ħames snin wara li jkunu fornew il-prodott.

Taqsima IV tkopri l-obbligi tal-forniturі tas-servizzi skont ir-regolamenti, inklużi l-proċeduri rilevanti li għandhom jiġu segwiti mill-forniturі tas-servizzi msemmija, sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti, fid-dawl tar-**regolament 13**.

Dawn jinkludu referenza għall-informazzjoni neċessarja li għandha tiġi pprovduta mill-forniturі tas-servizzi, skont l-Anness V għar-regolamenti, kemm f'formati bil-miktub kif ukoll orali, kif ukoll l-obbligu li tali informazzjoni għandha tinżamm sakemm servizz ikun qiegħed jopera.

Il-proċeduri ta' ġestjoni tal-bidla, bħal fil-każ ta' alterazzjoni fis-servizzi, kif ukoll il-miżuri korrettivi meħtieġa li għandhom jittieħdu minn fornitur ta' servizz f'każ ta' nuqqas ta' konformità, huma koperti wkoll minn dan ir-regolament.

Barra minn hekk, l-obbligu tal-forniturі tas-servizzi li jikkooperaw mas-CRPD, u mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jeżiġih ukoll dan ir-regolament, fir-rigward ta' informazzjoni li turi l-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tar-regolamenti, jew l-azzjonijiet meħtieġa li għandhom jittieħdu mill-forniturі tas-servizzi biex itemmu każijiet ta' nuqqas ta' konformità.

Taqsima V tittratta l-materji ta' trasformazzjoni fundamentali tas-servizzi u l-prodotti, u l-possibbiltà ta' piż sproporzjonat li jaffettwa lill-operaturi ekonomiċi.

Ir-regolament 14 jispeċifika limiti għar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà deskritti aktar il-fuq, meta operatur ekonomiku jkun iffaċċjat bil-possibbiltà li jkollu jagħmel trasformazzjonijiet fundamentali fil-prodotti jew fis-servizzi biex jikkonformaw mar-regolamenti, jew meta tali konformità tista' twassal għal piż sproporzjonat.

Il-proċeduri ta' awtovalutazzjoni rilevanti għall-operat ekonomiku huma deskritti, u ssir referenza għall-Anness VI għar-regolamenti f'dan ir-rigward, li jkopru wkoll id-dokumentazzjoni rilevanti għall-proċeduri ta' valutazzjoni mill-operaturi ekonomiċi, iż-żamma tad-dokumentazzjoni rilevanti, u t-talbiet possibbli għal dokumentazzjoni mis-CRPD bħala awtorità għas-sorveljanza tas-suq, jew minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra.

Mikrointrapriżi li jittrattaw prodotti għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżit li jiddokumentaw il-valutazzjoni tagħhom. Madankollu, jekk is-CRPD bħala l-awtorità għas-sorveljanza tas-suq, jew awtorità nazzjonali kompetenti oħra titlob dan, il-mikrointrapriżi li jagħmlu użu minn tali eżenzjoni xorta għandhom jipprovdu lill-awtorità rikjedenti bi kwalunkwe fatti rilevanti.

L-effetti ta' appoġġ addizzjonali rċevut mill-operaturi ekonomiċi biex ikunu jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti huma koperti wkoll.

Il-valutazzjonijiet ikollhom jiġu ripetuti mill-operaturi ekonomiċi kull ħames snin, jew kull meta servizz jinbidel, jew meta operatur jintalab jagħmel dan mis-CRPD, jew minn awtorità nazzjonali kompetenti oħra responsabbli għall-verifika tal-konformità tas-servizzi.

Taqsima VI tittratta l-Istandards Armonizzati u l-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi tal-Prodotti u s-Servizzi fil-livell tal-UE, filwaqt li tispeċifika f'**regolament 15** li l-prodotti u s-servizzi li huma konformi mal-istandards eżistenti msemmija, jitqiesu bħala konformi f'termini tar-regolamenti, sa fejn l-Istandards jew l-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi msemmija jkopru r-rekwiżiti tar-regolamenti jew partijiet minnhom.

Taqsima VII tindirizza d-Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-UE għall-Prodotti koperti mir-regolamenti, kif ukoll is-suġġett tat-tikketta CE.

Ir-regolament 16 jispeċifika li l-prodotti konformi għandu jkollhom, fir-rigward tagħhom, Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-UE mfassla skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE.

It-tikketta CE tal-prodotti skont dawn ir-regolamenti għandha ssegwi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, **bir-regolament 17** ikopri l-prinċipji ġenerali f'dan ir-rigward, u **r-regolament 18** jindirizza r-regoli u l-kundizzjonijiet għat-twaħħil tat-tikketta CE fuq prodotti konformi, fejn għandhom jiġu applikati r-Regolamenti dwar *Market Surveillance and CE Marking* (L.S. 427.73).

Taqsima VIII tittratta s-sorveljanza tas-suq fir-rigward tal-prodotti koperti mir-regolamenti, u l-proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni marbuta ma' tali proċedura.

Ir-rekwiżiti fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq, li għandhom jiġu osservati mis-CRPD bħala l-awtorità maħtura għas-sorveljanza tas-suq għall-prodotti, huma koperti **mir-regolament 19**.

Dan ir-regolament jispeċifika li l-Artikolu 15(3), l-Artikoli 16 sa 19, l-Artikolu 21, l-Artikoli 23 sa 28 u l-Artikolu 29(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandhom japplikaw għall-prodotti. Barra minn hekk, dan ir-regolament jeżiġi li s-CRPD għandha tivverifika u tirrevedi l-valutazzjonijiet imwettqa mill-operaturi ekonomiċi, skont dawn ir-regolamenti, kif ukoll ir-riżultati ta' tali proċeduri ta' valutazzjoni, filwaqt li tivverifika l-konformità rilevanti mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà li jinsabu f'dawn ir-regolamenti.

F'dan ir-rigward, qiegħda issir wkoll referenza għall-Anness VI għar-regolamenti, dwar kwistjonijiet ta' trasformazzjoni fundamentali u piż sproporzjonat.

Informazzjoni li tista' tintalab fir-rigward ta' tali sorveljanza tas-suq mis-CRPD, bħala l-awtorità nazzjonali għas-sorveljanza tas-suq, hija koperta wkoll minn dan ir-regolament, filwaqt li r-regolament jispeċifika wkoll li l-informazzjoni miżmuma mis-CRPD f'dan ir-rigward għandha tkun disponibbli għall-konsumaturi fuq talba, f'format aċċessibbli, ħlief fejn dik l-informazzjoni ma tkunx tista' tiġi pprovduta għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità kif previsti fl-Artikolu 19(5) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Notifika: Bon-Bon Company Limited – La Champignon, Triq Dun Ġużepp Aquilina, Is-Siġġiewi

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 24 ta' Ġunju, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

to be reduced even according to the principles established in our jurisprudence. The appellant is not contesting the violations of fundamental rights found by the Honourable First Court, nor is he contesting that the disproportion between the rent received and that perceived on the open market effectively began to be felt in this case from the year 2000. The respondents did not show that they suffered any anxiety or sorrow and thus the exponent for all intents and purposes submits the rate of €100 for every year from 2020 onwards as a just rate for the liquidation of the non-pecuniary damages.

Therefore, the appellant humbly requests this Honourable Court to reform the judgment appealed by reducing the liquidated non-pecuniary damages in favour of the respondents as explained in this appeal whilst confirming the rest of the appealed judgment.

Notification: Bon-Bon Company Limited – La Champignon, Triq Dun Ġużepp Aquilina, Siġġiewi

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 24th June, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1631

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-5 ta' Mejju, 2025, Rikors numru 378/2025, mill-Avukat tal-Istat, fejn insegwitu tar-rikors Antonia sive Antoinette Dougall li għandha karta tal-identità numru 0166040M ġiet inabilitata permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Mejju, 2025.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 24 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 5th May, 2025, Application number 378/2025, by the State Advocate, whereby following the application Antonia sive Antoinette Dougall who holds identity card number 0166040M was incapacitated by means of a decree given on the 22nd May, 2025.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 24th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1632

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-30 ta' April 2025, Rikors numru 359/2025, minn James Fenech fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur James Fenech u Martin Fenech, ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom issuċċessjoni ta' Carmelo Fenech, armel, bin il-mejtin Saviour Fenech u Francesca née Spiteri, imwieled il-Gżira, Malta, u kien residenti Swieqi, Malta u miet Pieta, Malta, fid-29 ta' Jannar, 2025, ta' 89 sena, u li kellu karta tal-identità numru 537135M.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th April 2025, Application number 359/2025, by James Fenech whereby he requested that it be declared open in favour of James Fenech and Martin Fenech, children of the decujus in equal shares between them the succession of Carmelo Fenech, widower, son of the late Saviour Fenech and Francesca née Spiteri, born in Gżira, Malta, resided in Swieqi, Malta, and died in Pieta, Malta on the 29th January 2025, aged 89 and who held identity card number 537135M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 24 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 24th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1633

Avviż mir-Reġistru, Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrent Raymond Meilak (KI 365556M)) ippreżenta rikors ġuramentat (numru 116/2025jpg) fejn talab il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Abigail Meilak bin-numru 2217/2000 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 24 ta' Ġunju, 2025

LORRAINE DALLI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court (Family Section)

Whereas the plaintiff Raymond Meilak (ID 365556M) filed an application under oath (number 116/2025JPG) demanding corrections the Act of Birth of Abigail Meilak number 2217/2000 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

This 24th June, 2025

LORRAINE DALLI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1634

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-1 ta' April, 2025, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 18 ta' Settembru, 2025 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond, hawn taħt deskritt:

Appartament numru tlieta (3) mmarkat bl-ittra 'E', sitwat fit-tielet sular li jifforma parti minn blokka ta' appartamenti bin-numru 253 u 255, Triq D'Argens, Il-Gżira, suġġett

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 01st April, 2025 on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 18th September, 2025 at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Apartment number three (3) marked letter 'E', situated on the third floor level forming part of a block of apartments number 253 and 255, Triq D'Argens, Gżira, subject and enjoys

u jgawdi servitujiet attivi u passivi li jirriżultaw skont il-pożizzjoni tiegħu, bi dritt tal-użu perpetwu tal-partijiet komuni tal-blokk u liema partijiet jinkludu l-entratura tal-blokk, it-taraġ u t-tromba tat-taraġ sal-bejt, il-lifs u l-lift shaft u d-dritt tal-użu tal-bejt biss biex jistallaw u jmantni tank tal-ilma u television aerial jew satellite dish fuqu bi dritt ta' aċċess għal bejt f'ħinijiet raġonevoli għal skop ta' manutenzjoni tal-istess servizz, u b'aċċess dirett mill-partijiet komuni minn Triq D'Argens, servuti bil-lift li għadu mhux installat, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu u stmat li jiswa mitejn u ħamest elef ewro (€205,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Nawafleh Abdallah Ahmed (KI 24907A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 56/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

active and passive servitudes resulting from its position, with perpetual usage right of the common block areas and which areas include the block entrance, the stairs and stairwell up till the roof, the lifts and the lift shaft and the right of usage of the roof only to install and maintain the water tank and television aerial or satellite dish on it, with right of access to the roof in reasonable hours for maintenance of same services. The apartment has direct access from the common areas from Triq D'Argens, served with a lift not yet installed, free and unencumbered, with all its rights and appurtenance, and valued at two hundred and five thousand euro (€205,000).

The said tenement is the property of Nawafleh Abdallah Ahmed (ID 24907A).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 56/2019.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 25th June, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1635

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-3 ta' Ġunju, 2025, Rikors numru 460/2025, minn Erika Jane Pace et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Erika Jane Pace u Jonathan Pace, ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Maria Victoria Pace, mart Alfred Pace, bint il-mejtin Angelo Camilleri u Paolina née Muscat, imwielda Birkirkara, Malta, u kienet residenti Birkirkara, Malta, u mietet Tal-Pietà, Malta, fit-8 ta' Marzu, 1994, ta' 51 sena, u li kellha karta tal-identità numru 529842M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 25 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 3rd June, 2025, Application number 460/2025, by Erika Jane Pace et whereby they requested that it be declared open in favour of Erika Jane Pace and Jonathan Pace, children of the decujus in equal shares between them the succession of Maria Victoria Pace, wife of Alfred Pace, daughter of the late Angelo Camilleri and Paolina née Muscat, born in Birkirkara, Malta, resided in Birkirkara, Malta, and died in Tal-Pietà, Malta, on the 8th March 1994, aged 51 and who held identity card number 529842M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 25th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1636

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fit-3 ta' April, 2025, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 23 ta' Settembru, 2025 fil-ħdax

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd April, 2025, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Tuesday, 23rd September, 2025 at eleven in the

ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond, hawn taħt deskritt:

Il-fond ossija l-maisonette bil-garaxx sottopost, li jikkonsisti minn maisonette fil-livell ta' elevated groundfloor, bin-numru 47, 'Immersion', fi Triq il-Gladjoli, fil-Madliena, limiti tas-Swieqi, bi dħul għalih minn taraġ mill-front garden, u li jidher li qed jintuża bħala uffiċju fl-intier tiegħu, li jifforma parti minn korp ta' bini ikbar bi tliet sulari oħra sovrastanti l-imsemmi maisonette u sular garaxxijiet sottostanti fil-livell ta' semi basement, liema bini jmiss mit-Tramuntana mal-istess triq, mil-Lvant ma' beni ta' SN Properties Limited u mill-Punent ma' beni ta' Lino Farrugia u l-garaxx internament immarkat bin-numru tlieta (3), li jinsab fil-livell ta' semi basement, aċċessibbli minn komun illi d-dħul tiegħu huwa ftit metri bogħod mid-dħul għal maisonette 'Immersion' u li jigi sottosanti l-istess blokka.

Il-fond ma għandux partijiet komuni ħlief l-aċċess għal garaxx mir-rampa u l-komun ta' isfel, mingħajr l-arja tiegħu stante illi huwa sottopost għal proprjetajiet sovrastanti, liberu u frank u kif suġġett għar-rata ta' ċens annwu u perpetwu ta' tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) pagabbli lil Fosters Ltd fid-09 ta' Settembru ta' kull sena bil-quddiem kif jirriżulta skont il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin datat it-tletin ta' Mejju, tas-sena elfejn u tnejn (30.5.2002) u stmat li jiswa seba' mija u ħamsa u tletin elf ewro (€735,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Agius Gordon (KI 85479M) u Agius Lara-Ann (KI 105776M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 52/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The tenement ossija a maisonette and an underlying garage, which consists of a maisonette on an elevated groundfloor level, numbered 47, 'Immersion' in Triq il-Gladjoli, in Madliena, limits of Swieqi, with its entrance by means of a stairs from the front garden, and which appears to be being used as an office in its entirety, forming part of a larger building complex with three other levels overlying the said maisonette and a level underlying garages at semi basement level, which building is bounded North with the said street, East with property of SN Properties Limited and West with property of Lino Farrugia and the garage internally marked number three (3), situated at semi basement level, accessible from the common area whose access is a few metres away from the entrance to the maisonette 'Immersion' and which is located underlying the said block.

The tenement has no common parts except the access to the garage from the ramp and the common landing, without its airspace since it is underlying overlying properties, free and unencumbered, and as subject to the annual and perpetual ground rent of twenty three euro and twenty nine cent (€23.29) payable forward each year to Fosters Ltd on the 09th September as resulting from the contract in the acts of Notary Maurice Gambin dated thirtieth May, of the year two thousand and two (30.5.2002) and is valued at seven hundred and thirty five thousand euro (€735,000).

The said tenement is the property of Agius Gordon (ID 85479M) and Agius Lara-Ann (ID 105776M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 52/2023.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 25th June, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1637

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' April, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Teresa sive Tessie Farrugia (44640M).

Permezz ta' Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-21 ta' April, 2025, fl-ismijiet Andrew Farrugia (479962M) et vs Teresa sive Tessie Farrugia (44640M). Ir-rikorenti Andrew

By a decree of the Civil Court, First Hall, of the 24th April, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12) on the respondent Teresa sive Tessie Farrugia (44640M).

By means of an application for the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction filed in the First Hall Civil Court, on the 21st April, 2025, in the names Andrew Farrugia (479962M) et vs Teresa sive Tessie Farrugia (44640M).

Farrugia (479962M) u Stephania Galea (237566M) talbu li l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata sabiex tinżamm milli tbigħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari l-proprjetà, ossija t-terraced house, numru sitta u tmenin (86), bl-aċċess tagħha minn Triq Frederick C. Ponsomby, u kantuniera ma' Triq Carlo Manché, Il-Gżira, flimkien mal-arja u inparti l-art sottostanti, liema proprjetà tirriżulta aħjar fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dok. A-001.

Illi dan il-mandat għandu jiġi milqugħ provviżorjament.

Illi l-esponenti se jiġi preġudikat jekk is-soċjetà intimata ma tiġix inibita kif ingħad.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni kontra s-soċjetà intimata.

Krettu: €100,000 – mitt elf ewro

Titolu: Inkawtela tal-ammont dovut bħala sehem riżervat lill-esponenti, flimkien mal-imgħaxijiet legali, mill-eredità ta' missierhom Francesco Farrugia, kif mitlub permezz tar-rikors ġuramentat fl-ismijiet Andrew Farrugia (479962M) et vs Teresa sive Tessie Farrugia (44640M) ippreżentat kontestwalment.

Il-mandat ta' inibizzjoni numru 652/25/1MH jinsab differit għal-14 ta' Lulju, 2025, fl-11.15 a.m.

Rikorrent: Andrew Farrugia (479962M), 4, Vincenza Flats, Sisters Street, San Ġwann
Stephania Galea (237566M), Genesis, Sqaq Taljana, Il-Gżira

Notifika Intimat: Teresa sive Tessie Farrugia (44640M), 86, Triq Sir Fredrick C. Ponsombly, Il-Gżira

Esekuzzjoni: Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Reġistratur tal-Artijiet, 16, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, Il-Bini tal-Qorti, Il-Belt Valletta

Imħallef: l-Onor. Miriam Hayman

Il-Qorti,

Rat ir-rikors data 24 ta' April, 2025,

The applicants Andrew Farrugia (479962M) and Stephania Galea (237566M) asked this Honourable Court to order the issuing of a warrant of prohibitory injunction against the respondent in order that she be witheld from selling, alienating, transferring or disposing inter vivos both by onerous or gratuitous title any property, and inparticular the property, namely the terraced house, number eighty six (86), with its access from Triq Frederick C. Ponsomby, and corner with Triq Carlo Manché, Gżira, together with the airspace and part of the underlying land, which property results better on the attached plan and marked Doc. A-001.

That this warrant should be provisionally upheld.

That the applicant shall be prejudiced if the respondent company is not inhibited as stated.

Thus, the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of the warrant of prohibitory injunction in question against the respondent company.

Credit: €100,000 – one hundred thousand euro

Title: In security of the amount due as reserved share to the applicants, together with legal interest, from the inheritance of their father Francesco Farrugia, as demanded by means of the sworn application in the names Andrew Farrugia (479962M) et vs Teresa sive Tessie Farrugia (44640M) filed at the same time.

The Warrant of Prohibitory Injunction number 652/25/1MH has been postponed for hearing to the 14th July, 2025, at 11.15 a.m.

Applicant: Andrew Farrugia (479962M), 4, Vincenza Flats, Sisters Street, San Ġwann
Stephania Galea (237566M), Genesis, Italian Alley, Gżira

Notification respondent: Teresa sive Tessie Farrugia (44640M), 86, Triq Sir Fredrick C. Ponsombly, Gżira

Execution: Director Public Registry, Triq l-Arċisqof, Valletta

Land Registrar, 16, Casa Bolino, West Street, Valletta

The Registrar, Civil Courts and Tribunals, Courts Building, Valletta

Judge: the Hon. Miriam Hayman

The Court,

Saw the application dated 24th April, 2025,

Tordna n-notifika tal-istess lill-kontroparti flimkien ma' dan id-digriet li għandha tirrispondi fi żmien għaxart ijiem min-notifika u tappunta r-rikors għas-smigħ għas-seduta ta' nhar l-14 ta' Lulju, 2025, fil-11.15 a.m.

Tilqa' wkoll it-talba b'mod provviżorju.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, illum 25 ta' Ġunju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Orders the notification of the same to the respondent together with this decree who is to reply within ten days from the notification and appoints the application for hearing for the sitting of the 14th July, 2025, at 11.15 a.m.

It also provisionally upholds the request.

Registry of the Civil Court, today 25th June, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1638

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-4 ta' Marzu, 2025, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 9 ta' Settembru, 2025, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-penthouse flimkien mal-arja tagħha, bin-numru sebgħa (7) sitwat fit-third floor level ta' blokka mingħajr isem imma bin-numru erbgħa (4) li jifforma parti minn kumpless akbar, bla numru, bl-isem Fontanella Gardens, fi Triq il-Kappillan Joseph Hili, Il-Fontana, Għawdex, li huwa aċċessibbli minn parti komuni ta' taraġ u lift li jagħti għal fuq it-terrazzin ta' quddiem il-penthouse, inkluż is-sehem relattiv għal partijiet komuni tal-blokka li jinkludi l-entrata, taraġ, turġien, axxensur u x-xaft tiegħu u s-sistema tad-drenaġġ u jgawdi minn dritt ta' użu perpetwu bir-riġel minn dawk l-entrati, walkways u passageways li mit-triq pubblika jwasslu għall-penthouse. Il-penthouse hija konfinanti mit-Tramuntana minn proprjetà ta' Simon Grech u Island Developments Limited, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Zammit Brothers u mill-Punent ma' triq interna privata.

Il-garaxx internament numerat għaxra (10) ta' karozza waħda, sitwat fil-livell ta' basement, ġewwa l-istess kumpless Fontanella Gardens u aċċessibbli minn driveway komuni u rampa komuni li tiżbokka fuq Triq il-Kappillan Joseph Hili, Il-Fontana, Għawdex u jgawdi flimkien mal-garaxxijiet l-oħra li għandhom l-istess aċċess, dritt ta' użu perpetwu, kemm bil-vettura kif ukoll bir-riġel, inkwantu id-driveway interna u rampa li tiżbokka fi Triq il-Kappillan Giuseppe Hili.

Il-kumpless Fontanella Gardens huwa bla numru u huwa konfinanti mit-Tramuntana bl-imsemmija triq pubblika, inparti ma' proprjetà ta' Joseph Debono, inparti ma' proprjetà ta' Mario Cassar, inparti ma' proprjetà ta' George Camilleri, inparti ma' proprjetà ma' Euchar Bezzina u inparti ma' proprjetà ta' terzi u man-Nofsinhar ma' proprjetà tal-familja Zammit u inparti ma' proprjetà ta' Louis Farrugia u mal-Punent ma' sqaq li jiżbokka fi Triq il-Għajn u inparti ma'

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 4th March, 2025, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Tuesday, 9th September, 2025, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika Valletta, of the following property:

The penthouse with its airspace, numbered seven (7) situated on the third floor level of a block unname but numbered four (4) which forms part of a larger unnumbered complex, named Fontanella Gardens, in Triq il-Kappillan Joseph Hili, Fontana, Gozo, that is accessible from a common area of stairs and lift overlooking the front terrace of the penthouse, including the relative share from the block's common areas which consist of the entrance, the stairs and stairwell, the lift and the lift shaft and the drainage system and enjoys the right of perpetual use by foot from the entrances, walkways and passageways that lead from the public street to the penthouse. The penthouse is bounded on the north by property of Simon Grech and Island Developments Limited, on the South by property of Zammit Brothers and on the West by the internal private road.

The one car garage internally numbered ten (10), situated on the basement level of the same complex Fontanella Gardens and accessible through a common driveway and common ramp which abuts unto Triq il-Kappillan Joseph Hili, Fontana, Gozo, and enjoys with the other garages that have the same access, the right of perpetual use, both by vehicle and also by foot, of the internal driveway and the ramp that abuts onto Triq il-Kappillan Giuseppe Hili.

The complex Fontanella Gardens is unnumbered and is bounded on the north by the said public street, in part by property of Joseph Debono, in part by property of Mario Cassar, in part by property of George Camilleri, in part by property of Euchar Bezzina, and in part by property belonging to third parties, on the south in part by property of the Zammit family and in part by property of Louis Farrugia and on the west in part by an alley which abuts unto Triq

proprjetà ta' Joseph Spiteri u mal-Lvant inparti ma' proprjetà ta' Felic Micallef u inparti ma' proprjetà tal-aħwa Portelli. Iż-żewġ proprjetajiet huma liberi u franki, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghhom, b'dan illi l-arja tal-penthouse fuq imsemmi hija suġġetta għas-servitù favur it-tliet appartamenti sottostanti għal finijiet ta' installazzjoni ta' aċċessorji u dan kif deskritt fl-att tan-Nutar Anthony Hili tad-disgħa ta' Lulju, tas-sena elfejn u sebgħa (9.7.2007) u stmati li jiswew mitejn u tmienja u tmenin elf ewro (€288,000).

L-imsemmija penthouse u garaxx huma proprjetà ta' Hynes David Owen (passaport numru PA 4359237) u Mandy Connaughton Hynes (passaport numru R798992).

N.B. L-imsemmija penthouse u garaxx jinbiegħu bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 60/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

il-Għajn and in part by property of Joseph Spiteri and on the east in part by property of Felic Micallef and in part by property of the siblings Portelli. Both properties are free and unencumbered, with all their rights and appurtenances, this however that the penthouse airspace is subject to the servitude in favour of the three underlying apartments for installation of accessories purposes and this as described in the acts of Notary Anthony Hili dated ninth of July of the year two thousand and seven (9.7.2007) and are valued at two hundred and eighty eight thousand euro (€288,000).

The said penthouse and garage are the property of Hynes David Owen (passport number PA 4359237) and Mandy Connaughton Hynes (passport number R798992).

N.B. The said penthouse and garage will be sold as described in the acts of judicial sales number 60/2022.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 25th June, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1639

B'digriet mogħti mill-Qorti, Prim'Awla, fit-30 ta' Mejju, 2025, fuq rikors ta' Paolo Colombani, passaport numru YA9796818, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 13 ta' Novembru, 2025, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt:

Id-dar uffiċjalment immarkata bin-numru tnax (12) ġja magħrufa bin-numru (5) bl-isem 'Madonna ta' Pinu', fi Triq Vinċenzo M. Pellegrini, Ir-Rabat, Malta, stmata li tiswa tmien mija u erbgħin elf ewro (€840,000).

Il-penthouse internament immarkata bin-numru ħamsa (5) formanti parti minn korp ta' flats bl-isem 'Seaspray', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema penthouse tinsab fir-raba' sular (il-ħames (5) livell mit-triq) fuq nett u hi aċċessibbli permezz ta' taraġ u lift komuni fil-parti ta' quddiem tal-binja u tikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà ta' S.J.J.C Limited jew l-aventi kawża tagħha stmata li tiswa tliet mija u ħamsa u ħamsin elf ewro (€355,000).

L-arja tal-penthouse internament immarkata bin-numru ħamsa (5) formanti parti minn korp ta' flats bl-isem 'Seaspray', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema arja tinsab fi sitt (6) livell tat-triq imsemmija b'kejl superfiċjali ta' 70 mk² u tikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà ta' S.J.J.C Limited jew l-aventi kawża tagħha stmata li tiswa ħamsa u sittin elf ewro (€65,000).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 30th May, 2025, on the application of Paolo Colombani passport number YA9796818, Thursday, 13th November, 2025, at half past ten in the morning (10.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika Belt Valletta of the following property:

The house officially marked with the number twelve (12) previously known as the number five (5) named 'Madonna ta' Pinu', in Triq Vinċenzo M. Pellegrini, Rabat, Malta, valued at eight hundred and forty thousand euro (€840,000).

The penthouse internally marked with the number five (5) forming part of a block of flats named 'Seaspray', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay, which penthouse is situated in forth floor (the fifth (5) level from the street) on top and is accessible from stairs and a common lift at the front of the block and bounded on the south by the said street, west and east by property of S.J.J.C Limited or its successors valued at three hundred and fifty five thousand euro (€355,000).

The airspace of the penthouse internally marked with the number five (5) forming part from a block of flats named 'Seaspray', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay, which airspace is situated in six (6) level of the said street superfically measured of 70 m² and bounded on the south by the said street, west and east by property of S.J.J.C Limited or its successors valued sixty five thousand euro (€65,000).

Car space internament immarkat bin-numru erbgħa (4) formanti parti minn garaxx bla numru u bla isem u sottopost għal blokk ta' flats bl-isem 'Seabreeze', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar liberu u frank bid-drittijiet kollha tiegħu u jikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Punent mas-suċċessuri tas-soċjetà S.J.J.C Limited u lvant ma' ġid ma' Etoile Limited, mentri l-car space jikkonfina min-Nofsinhar ma' partijiet komuni u mill-irjieħ l-oħra ma' ġid il-venditriċi tal-'car space' jew suċċessuri tagħħa stmat ħamsa u tletin elf ewro (€35,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Jane Chircop (KI 466464M) eċerċenti l-kummerċ bħala Sapphire Real Estate Services.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 52/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Car space internally marked with the number four (4) forming part from an unnumbered and unnamed garage and underlying block of flats named 'Seabreeze', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay free and unencumbered with all its rights and bounded on the south by the said street, west by the successor of the company S.J.J.C Limited and east by property of Etoile Limited, whilst the car space bounded on the south by common parts and on the other compass points by property of carspace vender or her successors valued at thirty five thousand euro (€35,000).

The said tenement is the property of Jane Chircop (ID 466464M) carrying on trade as Sapphire Real Estate Services.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 52/2022.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 25th June, 2025.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1640

B'digriet tat-18 ta' Settembru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Lulju, 2024, minn 35°14° Capital SCC plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C105417 taġixxi għan-nom ta' Cell Couros, Subbasta bin-numru 45/24 fl-ismijiet 35°14° Capital SCC plc (C105417) vs Mary Bonello (KI 415346M) et qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Maisonette fl-ewwel sular uffiċjalment numerat mija u tlieta (103), li qabel kien uffiċjalment numru disgħa u sebgħin (79) fi Triq Għajn Dwieli, Raħal Ġdid, Malta, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlettax-il ewro u sittin ċenteżmu (€13.60) u jgawdi d-drittijiet attivi li joħorġu mill-pożizzjoni fiżika relattiva tiegħu u altrimenti bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mary Bonello (KI 415346M) u Dott. Alexia Attard u PL Gillian Muscat li b'digriet tat-28 ta' Frar, 2025, ġew nominati kuraturi deputati għall-eredi mhux magħrufa tad-defunt Ronald Bonello (KI 779349M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 18th September, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court, First Hall, on the 18th July, 2024, by 35°14° Capital SCC plc with registration number C105417 acting on behalf of Cell Couros, Judicial Sale file number 45/24 in the names 35°14° Capital SCC plc (C105417) vs Mary Bonello (ID 415346M) et being asked that the Court orders the sale by auction of the:

Maisonette on the ground floor level officially numbered one hundred and three (103), which was previously officially numbered seventy nine (79) in Triq Għajn Dwieli, Raħal Ġdid, Malta, subject to annual and perpetual ground rent of thirteen euro and sixty cents (€13.60) and enjoys the active rights arising from its relative physical position and otherwise with all its rights and appurtenances.

The said tenement is the property of Mary Bonello (ID 415346M) and Dr Alexia Attard and Gillian Muscat LP by decree of 28th February, 2025, had been appointed deputy curators for the unknown heirs of the deceased Ronald Bonello (ID 779349M).

Registry of the Superior Courts, this Friday, 13th June 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1641

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' April, 2025, fuq rikors ta' Cutajar Peter Paul (KI 195660M) u li b'digriet tal-21 ta' Marzu, 2023, il-Qorti laqgħet it-talba biex R1 Company Limited (C 89925) tassumi l-atti minfloku u fuq talba ta' Noel Gauci (KI 218071M) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 30 ta' Settembru, 2025, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond, hawn taħt deskritt:

L-appartament internament immarkat bin-numru sebgħa (7), fit-tielet sular (third floor level) tal-blokk mhux uffiċjalment immarkat bl-ittra 'A', 'Ħal Warda Residencies', Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, liema appartament kien jifforma żewġ units indipendenti li ġew mgħaqqda u llum jikkostitwixxu appartament wieħed, bil-bejt u l-arja sovrastanti l-istess blokk u bid-drittijiet ta' użu tal-partijiet komuni tal-blokk, bid-drittjiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, inkluż kwalsijasi drittijiet u interessi tad-debituri, b'faċċata fuq triq privata li tiżbokka fi Triq Ħal Warda. Il-blokk li minnu jifforma parti l-appartament jikkonfina mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Property Exchange Limited jew l-aventi causa tagħha u mil-Lvant ma' triq privata li tiżbokka fi Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, u stmat li jiswa ħames mija u għoxrin elf ewro (€520,000).

Il-lock up garage, mhux uffiċjalment immarkat bin-numru tlieta u għoxrin (23), preżentament użat bħala store, li jinsab f'kumpless ta' garaxxijiet, fil-livell sotterran, sottostanti l-istess blokka li minnu jifforma parti l-appartament numru 7, liema kumpless ta' garaxxijiet għandu l-entratura tiegħu tiżbokka fuq Triq Xatbet l-Art, Ħ'Attard. L-imsemmi garaxx jikkonfina mit-Tramuntana, min-Nofsinhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà ta' Property Exchange Limited jew l-aventi causa tagħha u għandu inkluż miegħu d-drittijiet ta' użu tal-partijiet komuni tal-kumpless ta' garaxxijiet inkluż il-main entrance, rampi, taraġ u tromba tat-taraġ, id-driveways u kwalunkwe servizz, installazzjoni, plant, equipment u s-sistema tal-elettriku, meters u kull ħaġa oħra li hija prinċipalment intiża għall-użu komuni jew għall-benefiċċju tal-lock up garages li jinsabu fil-kumpless tal-garaxxijiet, b'servitù ta' tieqa (high level window) li tħares fuq ir-rampa li tagħti mill-kumpless ta' garaxxijiet għal ġo Triq Xatbet l-Art u stmat li jiswa sebgħin elf ewro (€70,000).

L-appartament u l-garaxx jiffurmaw parti minn blokk mhux uffiċjalment immarkat bl-ittra A, Ħal Warda Residencies, fi Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, u huma suġġetti u jibbenifikaw minn dawk is-servitujiet naxxenti b'mod naturali mill-pożizzjoni rispettiva tagħhom fuq u taħt proprjetajiet ta' terzi, u jgawdu minn dritt ta' użu fuq il-partijiet komuni tal-kumpless, liberi u franki, skont kif deskritt fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi datat tlieta u għoxrin ta' Awwissu, tas-sena elfejn u tnax (23.8.2012)

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 11th April, 2025, on the application of Cutajar Peter Paul (ID195660M) and by decree dated 21st March, 2023, the Court upheld the request of R1 Company Limited (C 89925) to assume the acts in his place, and by request of Noel Gauci (ID 218071M) Thursday, 30th September, 2025, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika Valletta of the following property:

The apartment internally marked number seven (7), on the third floor level of the block unofficially marked letter 'A', 'Ħal Warda Residencies', Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, which apartment previously consisted of two independent units, which were merged and today consists of one apartment, with its roof and overlying airspace of the same block and with its right to use the common parts of the block, with all its rights and appurtenances, including any rights and interests of the debtors, with a facade over a private road that abuts onto Triq Ħal Warda. The block that the apartment forms part of is bounded on the north and south by property of Property Exchange Limited or its successors in title, and on the East by a private street that abuts onto Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, and is valued at five hundred and twenty thousand euro (€520,000).

The lock up garage, unofficially marked number twenty three (23), presently used as a store, situated in a garage complex at the underground level, underlying the same block which the apartment number 7 forms part of, which garage complex has its main entrance abutting onto Triq Xatbet l-Art, Ħ'Attard. The said garage is bounded from the north, south, east and west with property of Property Exchange Limited or its successors in title and includes the right of use of the common parts of the garage complex including the main entrance, ramps, staircase and stairwell, driveways, and all other services installations, plant, equipment and the electrical system and meters which are principally intended for the common use of benefit of the lock up garages situated in the garage complex, with a window servitude (high level window) that overlooks onto the ramp that leads from the complex of garages onto Triq Xatbet l-Art and is valued at seventy thousand euro (€70,000).

The apartment and garage forms part of a block unofficially marked letter A, Ħal Warda Residencies, in Triq Ħal Warda, Ħ'Attard and are subject to and benefit from those servitudes resulting by natural way from their respective position overlying and underlying third party properties, and enjoys the right of use of the common parts of the complex, free and unencumbered, as described in the acts of Notary Tonio Cauchi dated twenty third of August, of the year two thousand and twelve (23.8.2012).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Carabott Rosario (KI678946M) u Carabott Maria (KI 651949M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 7/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju, 2025.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenement is the property of Carabott Rosario (ID 678946M) and Carabott Maria (ID 651949M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 7/2019.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 25th June, 2025.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1642

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Frar, 2025, fuq rikors ta' Dott. Daniel Sultana (KI 459888M) et ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 9 ta' Settembru, 2025, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond, hawn taħt deskritt:

Appartament, li qabel kien jikkonsisti minn porzjon diviż mill-arja ta' blokk bla numru u bl-isem 'Rose Rouge Flats' fi Triq it-Tempesta, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, li llum il-ġurnata jinsab mibni f'appartament ta' żewġt ikmamar tas-sodda, internament imqassam f'kamra tas-sodda fuq il-faċċata b'gallarija tħares fuq Triq it-Tempesta, intrata, kamra miftuħa li tikkonsisti f'living u kċina, kamra tal-banju u kamra oħra tas-sodda li tħares b'gallarija fuq il-bitħa ta' wara, sottopost u sovrapost għal appartament ta' terzi, b'kejl gross superfiċjali ta' ċirka disgħa u sebgħin metru kwadru (79m²), aċċessibbli minn tromba tat-taraġ bil-lift komuni, u jgawdi servitù ta' twieqi u komunikazzjonijiet mas-sistemi ta' drains u drenaġġ tal-blokk sottostanti, konfinanti mil-Lbiċ ma' proprjetà li tmiss magħha ta' terzi, mix-Xlokk ma' Triq it-Tempesta u mill-Majjistral mal-arja tal-bitħa ta' wara tal-istess blokk proprjetà ta' terzi. L-arja li fuqha nbena l-appartament ġiet trasferita b'kuntratt datat id-disgħa u għoxrin ta' Jannar, tas-sena elfejn u tmienja (29.1.2008), liberu u frank u stmat li jiswa mitejn u tletin elf ewro (€230,000).

Appartament, li qabel kien jikkonsisti minn porzjon diviż mill-arja tal-blokk bla numru u bl-isem 'Rose Rouge Flats', fi Triq it-Tempesta, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, li llum il-ġurnata jinsab mibni f'appartament duplex ta' tlett ikmamar tas-sodda, internament imqassam f'kamra tas-sodda fuq il-faċċata b'gallarija tħares fuq Triq it-Tempesta, intrata, box room, kamra tal-banju, kamra tas-sodda li tħares fuq il-bitħa interna u kamra tas-sodda oħra li tħares b'terrazin fuq il-bitħa ta' wara u li jgawdi l-arja ta' fuq il-kamra tal-kċina u l-living u b'kejl gross superfiċjali ta' ċirka mija u ħdax-il metru kwadru (111m²), aċċessibbli minn tromba tat-taraġ bil-lift komuni, u jgawdi servitù ta' twieqi u komunikazzjonijiet mas-sistemi ta' drains u drenaġġ tal-

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 6th February, 2025, on the application of Dr Daniel Sultana (ID 459888M) et, Tuesday, 9th September, 2025, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment, previously consisting of a divided portion of the block without number and named 'Rose Rouge Flats' air in Triq it-Tempesta, Buġibba, limits of St Paul's Bay, which today is built into a two bedroom apartment divided into a front bedroom with a balcony facing onto Triq it-Tempesta, hallway, open plan consisting of the living and kitchen, bathroom, and another bedroom with a balcony overlooking the backyard, underlying and overlying third party properties, with a total gross floorspace of circa seventy nine metre square (79m²), accessible from a stairwell with a common lift, and enjoys the servitudes of windows and communications with the drains and drainage system of the underlying block, bounded from the southwest with adjacent third party property, southeast with Triq it-Tempesta and from the northwest with the backyard's air of the same block owned by third parties. The airspace on which the apartment was built was transferred by a contract dated twenty ninth of January, of the year two thousand and eight (29.1.2008), free and unencumbered, and is valued at two hundred and thirty thousand euro (€230,000).

The apartment, previously consisting of a divided portion of the block without number and named 'Rose Rouge Flats' air in Triq it-Tempesta, Buġibba, limits of St Paul's Bay, which today is built into a duplex three bedroom apartment, internally divided into a front bedroom with a balcony facing onto Triq it-Tempesta, hallway, boxroom, bathroom, bedroom overlooking an internal yard and another bedroom overlooking the internal yard through its terrace, and enjoying the airspace over the kitchen and the living, with a total gross floorspace of circa one hundred and eleven square metre (111m²), accessible from a stairwell with a common lift, and enjoys the servitudes of windows and communications with the drains and drainage system of

blokk sottostanti, konfinanti mil-Lbiċ mal-komun tal-istess proprjetà, mix-Xlokk ma' Triq it-Tempesta u mill-Majjistral mal-arja tal-bitħa ta' wara tal-istess blokk proprjetà ta' terzi. L-arja li fuqha nbena l-appartament ġiet trasferita b'kuntratt datat id-disgħa u għoxrin ta' Jannar, tas-sena elfejn u tmienja (29.1.2008), liberu u frank u huwa stmat li jiswa tliet mitt elf ewro (€300,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Bartolo Cedric (KI 343677M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 42/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju, 2025.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the underlying block, bounded from the southwest with the common area of the same property, southeast with Triq it-Tempesta, and from the northwest with the backyard's air of the same block owned by third parties. The airspace on which the apartment was built was transferred by a contract dated twenty ninth of January, of the year two thousand and eight (29.1.2008), free and unencumbered, and is valued at three hundred thousand euro (€300,000).

The said tenement is the property of Bartolo Cedric (ID 343677M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 42/2023.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 25th June, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1643

B'digriet tal-16 ta' Settembru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Lulju, 2024, minn 35°14° Capital SCC plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C105417 taġixxi għan-nom ta' Cell Couros, Subbasta bin-numru 47/24 fl-ismijiet 35°14° Capital SCC plc (C105417) vs Mary Bonello (KI 415346M) et qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

